UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/02/2022]
5 ta' Mejju 2022

ORDINAZZJONI PRESBITERALI

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2022, fis-6.30pm, fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, il-Belt Victoria, l-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, se jmexxi **l-Ordinazzjoni Presbiterali** ta' GABRIEL VELLA (mill-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp, il-Qala).

Bi tħejjija għall-Ordinazzjoni, se tinżamm **Velja ta' Talb** nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju, fit-8.00pm, fil-Grawnd tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, il-Belt Victoria. Wara, mill-10.00pm sas-7.00am tal-għada, ikompli **Lejl ta' Adorazzjoni** b'talb għall-ordinand fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri.

Kemm l-Ordinazzjoni u kemm il-Velja se jkunu mxandra fuq il-mezzi soċjali tad-Djoċesi ta' Għawdex: www.youtube.com/dioceseofgozo u www.facebook.com/gozodiocese.

Imbagħad, fis-17 ta' Ġunju 2022 tinżamm fid-Djoċesi ta' Għawdex l-Ordinazzjoni Djakonali, li dettalji dwarha jingħataw 'il quddiem.